MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 1055/2006

**Talba Nru: 1055/06VGD**

C & L Calleja Trading Limited (C-28851)

Vs

John Spiteri (Id. 101368) ezercitanti l-kummerc taht l-isem ‘Deep Blue Fish Shop’.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob is-somma ta’ elf u mija u wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,161.23) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ hut mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess, liema bilanc baqa ma thallasx minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, inkluz bl-ittra bonarja datata 30 ta’ Ottubru 2006. Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-

fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta' 8% fis-sena. Bl-ispejjes kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, seba mija u erba Ewro u erba u disghin centezmu (€2,704.94), ekwivalenti ghal Lm1,161.23, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------